# AVVIŻI

1. Peress li l-Editur ta' dan il-fuljett, Bro. Victor Privitera, se jkun imsiefer minn nofs Novembru 1999 sa nofs Frar 2000, intkom ġentilment mitlubin tindirizzaw il-korrispondenza tagħkom lil:

**Dr. Sylvana Spiteri L.L.D.**
**6/A2, Main Street,**
**Siġġiewi.**

f'dak kollu li għandu x'jaqsam: ma' rapporti ta' grazzji maqlugħa; jekk ikollkom bżonn ta' talb speċjali; jekk tridu formoli ta' applikazzjoni għal sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni; u għal kull ma għandu x'jaqsam ma' dan il-Moviment.

2. Il-Laqgħat ta' Talb li jmiss se jsiru kif ġej:

Il-Ħadd, 7 ta' Novembru fit-3.30 p.m.
Il-Ħadd, 21 ta' Novembru fit-3.30 p.m.

Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru fit-3.00 p.m.
Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru fit-3.00 p.m.

Il-Ħadd, 2 ta' Jannar 2000 fit-3.00 p.m.
Il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2000 fit-3.00 p.m.

Il-Ħadd, 6 ta' Frar 2000 fit-3.30 p.m.
Il-Ħadd, 20 ta' Frar 2000 fit-3.30 p.m.

Il-Ħadd, 5 ta' Marzu 2000 fl-4.00 p.m.
Il-Ħadd, 19 ta' Marzu 2000 fl-4.00 p.m.

Il-Ħadd, 2 ta' April 2000 fil-5.30 p.m.
Il-Ħadd, 16 ta' April 2000 fil-5.30 p.m.

3. Ftakru li jkun hemm TRASPORT mis-Siġġiewi għall-Girgenti kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

4. Dawn l-aħħar tlett xhur tas-sena huma għeżież ħafna għalina:
Ottubru huwa x-xahar tar-Rużarju
Novembru huwa x-xahar tal-Erwieħ tal-Purgatorju
Diċembru se jkun il-bidu tal-Ġublew.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 40 OTTUBRU 1999 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Il-Madonna tal-Girgenti kif ratha u pinġietha Ġuża Mifsud**

## Il-Millenju u il-Ġublew

Qed isir ħafna diskors fuq il-Millenju l-Ġdid li dalwaqt ikun magħna. Millenju jfisser "elf sena"; imma fejn se jkollna x'naqsmu aħna, f'Jannar li ġej, se nibdew l-Ewwel Seklu tal-Millenju. Aktar ma nersqu lejn l-aħħar ta' din is-sena 1999, aktar tikber il-kurżità tan-nies dwar dak li jista' jiġri fis-snin 2000. Ħafna nies jistaqsu: "X'jista' jinqala' ġdid fil-

ġejjieni?" ...Se nkomplu bid-diżastri? Tinqala' gwerra nukleari?... Nintlaqtu minn xi asterojd?"...

Dawn l-aħħar ftit snin, rajna ħafna diżastri bħal terremoti, żbruffar ta' vulkani, tempesti li jħallu ħerba warajhom; f'xi pajjiżi xita qliel u għargħar li jkaxkar kollox; u f'pajjiżi oħra nixfa qarrieda li tħalli miljuni ta' nies bil-ġuħ; sħana rekord u f'xi postijiet oħra, silġ u borra saħansitra fis-sajf. Dawn id-diżastri kollha isiru f'manjiera mhux tas-soltu!...

Minbarra dawn id-diżastri naturali hemm dawk li joħloq il-bniedem: gwerer, kriminalità u ħruxija tal-waħx, inċendji kriminali, qtil ecc... Mhiex ħaġa kbira li ż-żgħażagħ jitħassbu fuq il-ġejjieni. Dan deher ċar meta l-Papa mar il-Polonja u ltaqa' maż-żgħażagħ u dawn riedu jafu kif se jkun il-Millenju l-Ġdid. U x'qalilhom il-Papa?

"Nixtieq ngħidilkom li l-futur tad-dinja, ta' pajjiżkom u tal-Knisja, jiddependi minnkom iż-żgħażagħ. Intom dawk li ssawru l-futur; minnkom jiddependi iż-żmien li ġej!"

Aħna lkoll nixtiequ futur sabiħ. Imma m'għandniex nistennew li ħaddieħor jagħmel dmiru u aħna nibqgħu inħarsu. Il-ġejjieni jiddependi minn kull wieħed minna. Tkun ħaġa tajba li waqt li nitolbu għall-konverżjoni ta' l-oħrajn, nistaqsu lilna nfusna kif qed nimxu mal-kmandamenti t'Alla u nersqu lejn is-sagramenti; nipprattikaw l-imħabba kif iridna Ġesù?... Qed inwarrbu l-mibegħda?... U forsi nagħmlu mistoqsijiet aktar intimi u personali...

Bi tħejjija għall-Millenju u għall-ġejjieni se jkun hemm il-Ġublew. Dan se jkun żmien ta' importanza kbira għall-konverżjoni tagħna (jiġifieri titjib serju fil-ħajja spiritwali tagħna) u għal-bnedmin kollha tad-dinja biex Ġesù ikun jista' jwaqqaf is-Saltna tiegħu għal dejjem u jkun hawn dinja ġdida. Kollox għandu jimmira għal dan il-għan, inkella it-taħsir tad-dinja jkompli jikber u Alla jkollu jsemma' leħnu setgħan.

Dan kollu, qalithulna Ġuża Mifsud, mod jew ieħor, fil-messaġġi tagħha qabel ma mietat; u dak li qaltilna, kollu qiegħed iseħħ.

Nieħdu kliemha bis-serjetà u nitolbu u nagħmlu sagrifiċċji għall-konverżjoni tad-dinja biex Alla ma jkollux jikkastigana.



# ĠUŻA MIFSUD U D-DEHRIET TAL-MADONNA (2)

Kif għedna fil-fuljett "Leħen il-Girgenti" ta' Lulju li għadda, Ġuża Mifsud ma żammitx kitba u lanqas *recording* ta' dak li l-Madonna kienet qed tagħmel magħha. Għalhekk meta għaddew aktar minn tletin sena u Ġuża fetħet il-bieb tad-dar tagħha għan-nies u bdiet tisvela l-kuntatti li kellha mal-Madonna u l-messaġġi, jew informazzjoni, li l-Madonna kienet għadditilha, hi ma setgħetx tiftakar eżatt id-data, jew anke s-sena, meta seħħet kull ġrajja. Għalhekk aħna kemm-il darba smajna lil Ġuża tirreferi għas-snin ħamsin, bħallikieku kollox ġara wara 1950. Imma jekk aħna nżommu quddiem għajnejna li Ġuża twieldet fis-sena 1923 (Jannar) nistgħu nifhmu aħjar meta seħħew l-ewwel dehriet li kellhom importanza kbira fuq il-ġejjieni tal-ġrajjiet tal-Girgenti.

Aktar qrib tagħna, speċjalment fl-aħħar għaxar snin ta' ħajjitha, Ġuża bdiet tniżżel (kif kienet taf hi) id-dati u saħansitra il-ħin ta' meta il-Madonna, u Ġesù stess, kellhom kuntatt magħha. Fil-paġna 4, tat-tieni ktieb fis-serje "Titular Ġdid..." insibu din id-dikjarazzjoni ta' Ġuża, li tkompli f'paġna 5:

"Jiena fil-passat dejjem għedt li l-kuntatti mal-Madonna bdew fis-snin ħamsin; iżda l-kuntatti li kelli mas-Sinjura tal-Ħajja bdew qabel il-Ħamsinijiet; qisu kelli ħmistax-il sena u seba' xhur (fl-1938) meta bdejt nara affarijiet minn tal-Madonna. L-aktar kuntatti li kien ikolli aktarx kienu jkunu bil-lejl. Jiena meta rajt l-ewwel darba 'l Madonna, rajtha f'għar, ġo grotta, qisha għar tal-Blat tal-baħar. Hemmhekk jiena kont rajtha bil-kuruna (tar-Ružarju) f'idha; iċċaqlaq għajnejha u smajtha tgħid xi ħaġa rigward ir-Ružarju. Jiena dak il-ħin tant bdejt nibża'; iżda ma ridtx nagħmel sinjali minħabba li kont norqod ma' tal-familja. Ġie li staqsewni għaliex dak il-biża' u l-biki. Jiena kont niġġennen fuq dawn il-viżjonijiet ta' bil-lejl għax kont nara ħafna affarijiet sbieħ minn tal-Madonna. Dana jiena bqajt sejra bih sa ma kelli sitta u għoxrin sena (1949)".

Minn din l-ispjegazzjoni nistgħu nifhmu li d-dehriet u kuntatti ma kienux ftit. imma aktarx ta' tip personali u ta' preparazzjoni għall-ġejjieni. F'dawn is-snin, Ġuża kienet tħabrek ħafna f'apostolat varjat fir-raħal tagħha speċjalment biex tħeġġeġ il-familji jikkonsagraw ruħhom lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.

F'paġna 6, tat-tieni ktieb, insibu stqarrija ta' Ġuża stess fejn tgħid li meta kellha madwar tnejn u għoxrin sena (1945), jiġifieri sew sew kif spiċċat it-tieni Gwerra Dinjija) għamlet operazzjoni l-isptar Santa Katerina, ta' dak iż-żmien. U tkompli

tirrakkonta x'ġara:

"Meta għamluli l-operazzjoni domt mill-erba' ta' filgħaxija sal-ħdax ta' billejl, jew iżjed, biex stejqirt mil-loppju. Huti, billejl, qagħdu miegħi u kien hemm xi pazjenti u anke l-istess sorijiet li kienu jindukrawni rigward saħħti.

Xi jumejn wara li għamilt l-operazzjoni qaluli: "Għamilitilna lejl kbir hawn ġew, f'dak il-lejl, għax meta kont għadek taħt il-loppju għamilt l-aktar paniġierku sabiħ fuq il-Madonna" U Soru li kienet hemm qaltili: "Bdejna nroxxu ħafna ilma mbierek u għamilna l-ħobża ta' San Nikola taħt il-mitraħ għax bżajna li taqta' xi punti". Fil-fatt hekk ġara, marruli tliet ponti, imma dan ma jimpurtax.

Waqt hin il-loppju, nimmaġina li kont qed nara s-Sinjura tal-Ħajja fejni, għax jien dan id-diskors eżatt kont qed ngħid:" Madonna, kemm int sabiħa! Madonna, kemm inti ħanina li ġejt fejni! Madonna agħmel, u itlob lill-Mulej għalija, biex joħodni", u semgħuni ngħid ukoll: "Iva, jiena ħa nkompli naħdem f'dak illi trid"; u bdejt ngħid: "Kemm hu kbir Alla illi bagħat lill-Madonna f'dan il-lejl".

## ĠRAJJIET IMPORTANTI WARA LI ĠUŻA GĦALQET 25 SENA

### Il-Proklamazzjoni tal-Liġi Kontra d-Dagħa

F'paġna 4, ta' l-ewwel ktieb "Titular Ġdid ..." insibu kif inħolqot din il-liġi, fi żmien il-Prim Ministru Dr. Paul Boffa (1947–1950).

Ġuża tirrakkonta kif, darba filgħaxija, wara li hi u ommha kienu kielu, ħasbu biex jgħidu r-rużarju flimkien. Ġuża tkompli tgħid hekk: "Dakinhar, kienu xi l-11.45 p.m., wara li għedna r-rużarju, bdejt nisma' leħen jgħidli: "Ġuża, iddefendi l-unur t'Alla mill-misħut vizzju tad-dagħa u d-diżonestà". Ngħid il-verità, għall-ewwel ma tajtx każ, għax ħsiebt li kienet fissazzjoni tiegħi. Iżda bqajt nitlob lill-Madonna biex tilluminani. Dan il-leħen bqajt nisimgħu għal kważi tliet ġimgħat".

Ġuża ma kinetx taf x'taqbad tagħmel; għalhekk ħadet parir mingħand il-konfessuri tagħha: Dun George Mercieca u Dun George Preca. Dawn qalulha li jekk il-Madonna trid xi ħaġa minnha, Hi stess turiha x'għandha tagħmel.

Wara xi ftit ġranet, Ġuża bdiet korrispondenza ma' Dr. Paul Boffa u bagħtitlu mill-anqas tliet ittri, jekk mhux ħamsa, biex tħeġġu jgħaddi liġi kontra d-dagħa.

L-abbozz ta' din il-liġi ġie preżentat lill-Assemblea Leġislativa (qisu l-Parlament, ta' dak iż-żmien) fejn ġie appruvat unanimament, fit-30 ta' Mejju 1949. Il-liġi ġiet mgħoddija mill-Gvernatur, sew sew tlett ijiem qabel il-Kungress li x-Xirka ta' l-Isem t'Alla għamlet ir-Raħal Ġdid fil-5 ta' Ġunju 1949. L-E.T. Mons. Gonzi ħabbar din il-liġi lill-folla ta' madwar 35 elf ruħ li kienet preżenti. Ġuża kienet hemm, u kellha 26 sena.

### Id-Dehra tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni

Dettalji ta' kif seħħet din id-dehra jinsabu f'paġna 5 ta' l-ewwel ktieb.

Ġuża tgħid li, "xi tliet ġimgħat wara l-Kungress, fil-għaxija, waqt li kont fis-sodda, ħassejt lil xi ħadd qrib is-sodda tiegħi. Ftaħt għajnejja u lmaħt bniedma mhux



ta' din id-dinja, li impressjonatni ħafna u bdejt nibki, ma nafx jekk hux bil-ferħ jew bil-biża'. Naf li tant bdejt nolfoq li qajjimt lil ommi li staqsietni x'kien ġrali. Jien staqsejtha jekk kinetx qed tara xi ħaġa fejn is-sodda tiegħi u hi wieġbet li ma kien hemm xejn fejn is-sodda u qaltli biex infittex norqod.

Jien bqajt nara dik il-figura tal-Madonna li kellha tifel fuq idha. Qaltli biex inpinġiha kif kont qed naraha. Jien għidtilha li jien mhux biss ma kontx naf inpinġi imma anqas kont naf skola. Iżda hi qaltli li dan ma kien jimporta xejn. Għalhekk weghdtha li bl-għajnuna tagħha kont ser nipprova nobdi xewqitha.

L-għada fil-għodu, ommi marret il-knisja bħas-soltu. Jien ħriġt biċċa karta, erba' biros u biċċa ġibs ħamra tat-tfassil. Dak kull ma kelli u bdejt inpinġi. L-ewwel pinġejt il-libsa ħamra u mbagħad il-mant blu, bdejt nifraħ għax bdejt nara li l-istampa kienet ġejja kif fil-fatt jien kont rajt lill-Madonna fejn is-sodda tiegħi. Iżda mbagħad sibt diffikultà biex nagħmel il-kuruna.

L-għada kont fl-għalqa tal-familja li tinsab il-Girgenti u hemm erġajt iltqajt mas-'Sinjura'. Għidtilha li l-kuruna fuq it-tpinġija tagħha li kont qed nagħmel, ma kinetx ġietni tajba.

Hi qaltli li ma kellix għalfejn nikkonfondi għax dan kellu jkun sinjal li dik it-tpinġija saret minn id umli. Qaltli wkoll biex dik it-tpinġija nagħtiha l-isem tal-'Madonna tal-Konsagrazzjoni'. Barra dan il-kwadru jien pinġejt ukoll kwadru tal-Madonna kif rajtha fuq is-siġra fl-għalqa tal-familja fil-Girgenti. Dan il-kwadru semmejtu 'Il-Madonna tal-Girgenti'."

### Id-Dehra tal-Madonna tal-Girgenti

Il-Madonna baqgħet tkellimha lil Ġuża u tinsisti fuq il-Konsagrazzjonijiet tal-familji Maltin lilha u lil binha Ġesù. Darba staqsiet lil Ġuża x'ħin kien l-aħjar ħin għaliha li tkellimha u peress li Ġuża kienet taħdem fir-raba' weġbitha li l-aħjar fil-għaxija d-dar. Fil-fatt hekk ġara, għalkemm kultant kienet tkellimha wkoll il-Girgenti. Ġuża tgħid li, "xi xagħrejn wara t-tpinġija tal-kwadri, kont rajt lis-Sinjura fuq is-siġra tan-naspli fil-Girgenti. Dan kien f'xemx tiżreġ għal xi 12.45 ta' wara nofsinhar. Dak il-ħin kont qegħda nistrieħ ftit mix-xogħol ta' l-għalqa u kont qegħda ngħid ir-Rużarju. Kellha libsa bajda, mant blu u kuruna f'idejha. Dakinhar għidna r-Rużarju flimkien. Tatni wkoll messaġġ dwar il-penitenza u l-konverżjoni tal-midinbin."

Ħafna snin wara li kienet seħħet din id-dehra, Ġuża kienet spjegatilna aħjar kif kienet rat 'il Madonna f'din l-okkażżjoni. Qaltilna li kif kienet qegħda titlob, f'daqqa waħda rat is-siġra tan-naspli issir kollha dawl qawwi "qisha li x-xemx kienet niżlet fis-siġra". U f'dak id-dawl aktar qawwi mix-xemx, dehret il-Madonna fi ġmiel li ma jistax jitfisser.

Miż-żewġ dehriet imsemmija hawn fuq, ħarġu x-Xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti li tinsab fil-post tal-laqgħat ta' talb.

# GRAZZJI MAQLUGĦA

*Mir-rapport ta' Mario Farrugia u l-mara tiegħu Maryanne.*

F'rapport twil, Mario jirrakkonta kif it-tifel tagħhom Carmel fieq, meta t-tobba tawh wieħed fil-mija biss ċans li jibqa' jgħix. Din hi l-istorja kif ġrat:

Kien it-Tlieta, 2 ta' Marzu 1999, meta Mario mar iqajjem it-tifel fis-6.00 a.m. biex ilesti ruħu għall-iskola. Mill-iskola, għal xi l-għaxra, it-tifel ċempel lil ommu u qalilha li kien se jiġi lura d-dar għax ma kienx jiflaħ. X'ħin kien lura d-dar, ommu ppruvatlu t-temperatura u sabitlu deni ta' 103°. Ġabitlu t-tabib u dan qalilha li t-tifel ma kellux ħlief riħ ħafif u xejn gravi.

Mingħajr telfien ta' żmien, it-tifel beda *course* ta' pilloli u minn ħin għall-ieħor, il-ġenituri tat-tifel kienu joħdulu t-temperatura li ma dametx wisq biex telgħetlu għal 105°. Għalhekk, il-ġenituri kellhom jibqgħu mat-tifel u ma ċċaqilqux minn ħdejh. Bdew jagħmlulu ħall-il-ward u silġ flimkien mal-pilloli tal-Panadol.

Daħal il-lejl. Għal xi nofs-il lejl, marru jqajmu lit-tifel biex jagħtuh il-pilloli u sabu li ma kienx jista' jieħu nifs sew. Beda jixrob ħafna ilma u bdiet tugħgħu żaqqu għax ma setax jagħmel il-bżonnijiet tiegħu għax l-organi tal-ġisem ma kienux jaħdmu; dan kien effett tal-marda li ħakmitu. Id-deni ma ried jinżel b'xejn.

Mario u l-mara iddeċidew li jieħdu t-tifel l-isptar; imma peress li t-tifel ma setax jimxi, ċemplu għall-ambulanza. Imma din waslet mingħajr tabib jew nurse. Kif waslu l-isptar daħlu fl-Emerġenza. Mill-ewwel bdew jeżaminaw lit-tifel. F'ġismu sabulu *rash*. Minnufih ħadulu d-demm u rriżulta li t-tifel kien qed ibati minn *meningite* u kien gravi ħafna għax il-kwalità ta' din il-meninġite kienet tista' twassal għal *coma* u *brain damage*, u konsegwenzi oħra.

Dak il-ħin stess it-tabib sejjaħ tobba oħra biex jiġu jgħinuh għax il-marda kienet daħlet 'il ġewwa u saret fatali. Daħħlu lit-tifel fl-I.T.U. u Mario u l-mara qagħdu jistennew barra fil-kuridur. Dan kien f'xi l-4 a.m.



Xi sagħtejn wara ġie l-professur. Mario jkompli jirrakkonta kif ġej: "Il-professur sejħilna u qalilna: 'Il-marda daħlet 'il ġewwa u talb biss irid ikun għalih; aħna għamilna ħilitna kollha. Issa Alla jrid ikun għalih, għax lanqas 1% m'għandu ċans li jgħix!'

"Jien u ħiereġ" kompla Mario, "kienu xi l-11.30 a.m., harġu pazjent minn hemm stess, u huwa u ħiereġ waqqgħetlu santa u jiena ġbartha. Il-mara qaltli: 'X'se tiġborha tagħmel?' Jien kelli qalbi maqtugħa għal kollox; imma x'ħin ġbart dik is-santa tant ġietni fiduċja kbira li t-tifel kien se jfiq.

Ħaġa ta' l-iskantament, kif ġie t-tabib staqsiena fuq it-tifel u aħna weġibna li ma konna nafu xejn. Allura hu daħal jara hu stess u sab li t-tifel ma kompliex jiggrava. **Dik is-santa li ġbart kienet is-santa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni**.

Dak ir-raġel li waqqgħetlu s-santa, wara jumejn, miet! It-tifel tagħna ma damx ma ħareġ mill-I.T.U.! It-tifel qatta' tliet ġimgħat oħra l-isptar għal aktar kura. Illum jinsab tifel 'bħall-oħrajn' mingħajr konsegwenzi tal-marda, għax seta' baqa' mmankat!"

GRAZZI MADONNA

**N.B.:** *Ma' dan ir-rapport għandna wkoll iċ-ċertifikat mediku.*

*Navżaw ukoll li għandna rapporti ta' grazzji maqlugħa li se jidhru f'ħarġa oħra ta' dan il-fuljett.*

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*